**7 ta' Mejju, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Salvatore Bezzina

*versus*

Aurelio Mea et

**Ftehim — Tfissir ta' — Meta wieħed jista jinżamm responsabbli għad-danni**

*Ftehim bejn il-partijiet ma jistgħax jiġi revokat unilateralment minn parti waħda meta jidhrilha hi, almenu bla raġuni ġusta skond il-liġi.*

*Biex wieħed jinżamm responsabbli tad-danni lejn ieħor, jeħtieġ li jiġi pruvat li huwa rrenda ruħu ħati lejh, jew ta' kolpa delittwuża, jew kważi-delittwuża konsistenti fi ksur ta' xi obbligu lejh impost lilu mil-liġi, jew ta' kolpa kontrattwali konsistenti fil-ksur ta' xi obbligazzjoni li huwa kellu lejh bis-saħħa ta' kuntratt.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur ippremetta illi peress illi bis-saħħa ta' żewġ kuntratti pubblikati fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tal-erbatax (14) ta' Lulju, 1958, kien ġie mogħti lill-kontendenti, da parti tal-Gas Board, l-appalt għad-distribuzzjoni ta' Gas Likwidu fiċ-ċilindri fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, b'indikazzjoni tad-distretti ta' wieħed u tal-ieħor mill-kontendenti;

u peress illi f'dika l-epoka, in vista tal-kuntratti mas-Services, allura korrenti, il-kontendenti rrangaw bejniethom illi temporaneament, għal daka li jirrigwarda klijenti fl-area lilhom rispettivament assenjata, u appartenenti lis-Services, jidħlu fuq xulxin għal daka li jirrigwarda klijenti forniti in forza ta' l-istess kuntratti mas-Services, u hekk l-attur kompla l-provvisti tal-Militar (Army) u l-konvenuti dik tal-Air Force u Navy — mingħajr ma għamlu offerta fuq xulxin, pero mingħajr ebda rabta bejniethom; u peress illi qabel ma kienu jagħlqu l-kuntratti mal-istess services fit-tletin ta' Marzu, 1961, l-attur f'okkażżjoni meta ried jiddiskuti arranġament ieħor dwar fornitura ta' l-ewwel ċilindru ta' Gas Likwidu ma bejgħ ta' appliance, qal ukoll lill-konvenuti li huwa ma riedx li dak l-arranġament ikompli ammenoche ma jiftehmux fuq kondizzjonijiet ġodda li jkunu japplikaw għas-services, u dana peress illi l-esekuzzjoni tal-kuntratti mas-services kienet tinvolvi spiża addizjonali għad-ditta tinvolvi d-distribuzzjoni fl-area assenjata skond il-kuntratti mal-Gas Board; u peress illi l-konvenuti ma aċċettawx li jsiru dawna l-kondizzjonijiet ġodda u oltre dana tefgħu offerta għall-fornitura lill-Militar (Army) u fil-fatt ħadu dina l-istess offerta wara li kienu assikuraw għalihom estenzjoni tal-kuntratti li kellhom mal-Air Force u n-Navy; u peress illi b'dan il-mod il-konvenuti kuntrarjament għall-ftehim li għandhom mal-Gas Board u għall-intendiment mal-attur, u nonostante l-avviż li dana tagħhom fir-rigward kif imsemmi fuq qegħdin jinvadu l-area ossija distretti ta' distribuzzjoni assenjata lill-attur mill-Gas Board kif jekk hemm bżonn jiġi espressament dikjarat; u b'hekk l-attur qed isofri dannu konsistenti fit-telf tal-qliegħ li tħallilu d-distribuzzjoni ta' gas likwidu fiċ-ċilindri fid-distrett tiegħu lil nies li llum qegħdin jiġu forniti mill-konvenuti: u peress illi l-konvenuti komplew jagħmlu dina d-distribuzzjoni fid-distrett tal-attur nonostante d-diffida uffiċjali tiegħu permezz ta' protest li nagħtalhom

fit-tmienja u għoxrin ta' Marzu, 1961 — talab illi l-konvenuti jiġu inibiti milli jidħlu fid-distretti assenjati lilu mill- Gas Board, għad-distribuzzjoni tal-Gas likwidu, taħt il-komminazzjonijiet legali, u b'riserva ta' kull dritt tiegħu, kemm il darba ma joqgħodux għall-ordni li jiġi hekk mogħti fuq din it-talba; u li jiġu dikjarati responsabbli tad-danni lejh imħabba l-aġir tagħhom imsemmi, u jiġu kundannati jħalsulu b'risarċiment tal-istess danni dak l-ammont li jiġi likwidat minn din il-Qorti, bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew:

1. Illi l-indikazzjoni tad-distretti bejn il-kontendenti ma tapplikax għall-"collective orders" bħal ma huma l-fornituri tas-servizz.

2. Illi mingħajr preġudizzju, il-kuntratti mas-servizzi li għandhom l-eċċipjenti saru qabel ma l-attur wera li ma jridx ikompli fuq l-allegat modus vivendi.

3. Illi, dejjem bla preġudizzju, l-attur irid li l-eċċipjenti jinsistu fuq kondizzjonijiet kontra l-liġi: salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1964 li biha laqgħet l-ewwel u tieni talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u ddifferiet il-kawża għall-likwidazzjoni tad-danni, wara li kkunsidrat:—

. . . OMISSIS . . .

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti

tiġi revokata u huma jiġu liberati mid-domandi ta' l-attur milqugħin b'dik is-sentenza bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

It-teżi ta' l-appellat tista' tiġi rijassunta b'dan il-mod.

Biż-żewġ kuntratti li hemm kopja tagħhom fil-fol. 6 et seq. u 16 et seq. rispettivament tal-proċess, l-appellanti u huwa ġew mogħtija mill-Gas Board id-distribuzzjoni tal-gas likwidu bl-assenjazzjoni tad-distretti ta' kull wieħed. Skond dawk il-kuntratti l-appellanti ma setgħux jagħmlu distribuzzjoni fid-distretti assenjati lilu u hu ma setax jagħmel distribuzzjoni fid-distretti assenjati lilhom. Dan kien japplika anki għall-"collective orders", ċioe ordnijiet magħmulin minn individwi, korpijiet jew ditti għall-użu tagħhom jew tad-dependenti tagħhom f'distretti li jinkludu, barra dawk assenjati lil distributur, distrett jew distretti assenjati lil distributur ieħor. Skond il-klawsola 15 (ii) tal-kuntratti mal-Gas Board id-distributur li jriċevi ordni kollettiv kellu jgħaddi l-parti ta' l-ordni li tirriferixxi għal distretti assenjati lil distributur ieħor, lil dan id-distributur. Iżda billi l-appellanti kellhom dak iż-żmien l-appalt tal-forrituri tan-Navy u ta' l-Air Force u hu kellu l-appalt tal-forrituri ta' l-Army, huma ftehmu bonarjament illi, għall-eżekuzzjoni ta' dawk l-ordnijiet kollettivi jistgħu jidħlu fid-distretti ta' xulxin. Dan il-ftehim kien "bla rabta". Meta dawk il-kuntratti mas-Servizzi waslu biex jiskadu (dan kellu jiġri fit-tletin ta' Marzu, 1961) hu ma riedx illi dak il-ftehim ma l-appellanti jissokta wara

dik id-data jekk l-appellanti ma jiftehmux miegħu fuq kondizzjonijiet ġodda rigward dawk il-kuntratti mas-Servizzi. Peress li l-appellanti ma aċċettawx li jsiru dawk il-kondizzjonijiet, hu tahom avviż illi l-ftehim ta' bejniethom spiċċa. B'dana kollu l-appellanti ġeddu l-kuntratt tagħhom man-Navy u l-Air Force u ħadu anki l-kuntratt ta' l-Army u baqgħu, biex jeżegwixxu l-ordnijiet tagħhom, jidħlu fid-distretti assenjati lilu. B'hekk huma kkaġunawlu danni konsistetni fit-telf ta' qliegħ li kien ikollu mid-distribuzzjoni tal-gas lil nies fid-distretti tiegħu li ġew forniti mill-appellanti. Għalhekk hu talab li (1) l-appellanti jiġu inibiti milli jidħlu fid-distretti assenjati lilu; (2) li jiġu dikjarati responsabbli tad-danni versu lejh; u (3) li jiġu kkundannati jħallsu lilu dak l-ammont ta' danni li jiġi likwidat mill-Qorti.

Bis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti, laqgħet l-ewwel żewġ talbiet ta' l-appellat u rriżervat li tipproċedi għall-likwidazzjoni tad-danni wara li s-sentenza appellata ssir ġudikat.

Verament, għall-ewwel domanda ma kienx hemm aktar lok meta ngħata is-sentenza appellata. Difatti l-kwistjoni bejn il-partijiet tirriferixxi biss għaż-żmien bejn l-ewwel ta' April, 1961 sa bejn wieħed u ieħor, Lulju 1963. Wara din l-aħħar data l-kuntratt li l-appellanti kellhom mal-Gas Board spiċċa u huma ma baqgħux distributuri għal ebda distrett.

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti mela, tirrigwarda biss l-eżekuzzjoni da parti ta' l-appellanti tal-kuntratti tagħhom mas-Servizzi bejn l-ewwel ta' April, 1961 u Lulju, 1963. Ħlief għal dak li jirrigwarda dawn il-kuntratti ebda "invasjoni" oħra da parti tagħhom fid-distretti tiegħu ma hi allegata mill-appellat.

L-appellanti sostnew fl-ewwel lok quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, illi l-indikazzjoni tad-distretti bejnhom u l-appellat, skond il-kuntratti li huma kellhom mal-Gas Board, ma kienetx tapplika għall-"collective orders" kif kienu dawk tas-Servizzi. Rigward dawn l-ordnijiet huma setgħu biex jeżegwuhom, anki jidħlu fid-distretti assenjati lill-appellat, bħal ma hu setgħa, biex jeżegwixxi ordnijiet kollettivi riċivuti minnu, jidħol fid-distretti assenjati lilhom. Il-klawsola 15 (ii) tal-kuntratti mal-Gas Board, li fuqha prinċipalment l-appellat jibbaża l-pretensjoni tiegħu, kienet tagħti biss direttiva għal arranġament bażat fuq reċiproċita mingħajr pero ma timponi ebda obbligu legali lid-distributur li jaqsam l-ordnijiet kollettivi tiegħu mad-distributur l-ieħor b'riferenza għad-distretti fejn kellhom jiġu eżegwiti.

Din il-klawsola 15 (ii) kienet kif riportata hawn taħt:—

"(ii) upon the receipt of a collective order (that is — an order made by persons, bodies and or firms for their own use or for use by their dependants in localities which include, besides those mentioned in Clause 2, one or more of the localities in respect of which the distribution of Liquid Petroleum Gas has been granted to another person) the distributor is to pass that part of the order for distribution of cylinders to localities other than those mentioned in Clause 2, to the person entrusted with the distribution therein. This is to be done with a spirit of reciprocity and without any obligation whatever from any one distributor towards the other, irrespective of the size of such orders."

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet id-deduzzjoni ta' l-appellanti hawn fuq imsemmija għax irriteniet illi din il-klaw-

sola "bl-ebda mod ma tista' tiġi nterpretata fis-sens li biha ġie mogħti lid-distributuri d-dritt li jinvadu l-area ta' xulxin: għall-kuntrarju mponiet l-obbligu mhux legali, imma bħala miżura biss ta' reċiproċità, illi min jirċevi ordni li tikkomprendi anki xi parti ta' l-area ta' l-ieħor, jgħaddi lid-distributur l-ieħor dik il-parti li ma tkunx ta' dak li jkun irċeva l-ordni." "Kieku ma kienx hekk" — kompliet tgħid l-ewwel Qorti — "il-partijiet ma kienux jaslu għal dak il-ftehim li għamlu proprju għall-ordnijiet tas-Services li huma eminentement "collective orders" jiġifieri illi jinvadu l-area ta' xulxin biex jistgħu jonoraw l-impenji tagħhom kontrattwali mad-diversi frigħi tas-Services."

Rigward din il-konklużżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, l-appellanti ssottometew fil-petizzjoni ta' l-appell illi, ġa la darba dik il-Qorti stess irrikonoxxiet — u qalet espressament — illi l-klawżola fuq imsemmija ma kienetx "timponi obbligu legali, imma biss arranġament bħala miżura ta' reċiproċita", ma setgħatx fl-istess ħin, tiddeduċi mill-allegat ksur tagħha da parti ta' l-appellanti, responsabbilita legali tagħhom għad-danni. Mill-proċess jidhru ċ-ċirkostanzi li minħabba fihom ġiet inserita dik il-klawżola. Dawn iċ-ċirkostanzi kienu appuntu l-kuntratti tas-Services li dwarhom il-kontendenti riedu jżommu ċerta liberta u latitudini, naturalment għal ma tul iż-żmien kollu li għalih kellhom isehħu l-kuntratti mal Gas Board. L-arranġament li sar bejn il-kontendenti kien f'sens kuntrarju għal dak li kien kontemplat fil-klawżola 15(ii) u skop tiegħu kien biss li jagħtu reċiproċita lil xulxin. Huma qatt ma innegaw lill-appellat din ir-reċiproċita u hu baqa dejjem liberu, kif kien qabel, li jaċċetta ordnijiet kollettivi u jdħol fid-distretti tagħhom biex jeżegwihom. L-arranġament bejniethom ma kienx għal xi żmien espressament stipulat u ma kien bl-ebda mod kondizzjonat għall-arbitriju unilaterali tal-parti l-waħda jew l-oħra.

Hu ġust u legali li wieħed jirritjeni illi dak l-arranġament kellu jseħħ, a meno che fil-frattemp ma jiġix rivedut bil-kunsens reċiproku taż-żewġ partijiet, għall-istess żmien tal-kuntratti mal-Gas Board. U fi kwalunkwe każ, — l-appellanti jkomplu jgħidu — l-imsemmija klawżola 15(ii) ma kienetx tobbligahom legalment li jaqsmu l-ordnijiet kollettivi tagħhom ma l-appellat u kwindi ma jistax ikun il-każ illi huma jistgħu jitqiesu legalment inadempjenti u bħala tali responsabbli ta' danni.

Din il-Qorti tħoss illi l-argument ta' l-appellanti għandu jiġi aċċettat.

Biex l-appellanti jistgħu jinżammu responsabbli ta' danni lejn l-appellat, jinħtieġ illi jiġi ppruvat illi huma rrendew ruħhom ħatja lejh jew ta' kolpa delittwuża jew kważi-delittwuża konsistenti fi ksur ta' xi obligu lejh impost lilhom bil-liġi, jew ta' kolpa kontrattwali konsistenti fil-ksur ta' xi obbligazzjoni li huma kellhom lejh bis-saħħa ta' kuntratt. L-ewwel xorta ta' kolpa m'hix, evidentement, in kwistjoni f'din il-kawża: mhux allegat illi l-appellanti kellhom xi obbligu mil-liġi li ma' jiddistribwux gas likwidu fid-distretti fejn kien distributur tal-Gas Board l-appellat.

L-appellat pero jippretendi, u l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet, illi l-obbligu ta' l-appellanti li ma jeżegwux ordnijiet fid-distretti allokati lill-appellat, kien jidderiva lilhom mill-kuntratt li huma kellhom mal-Gas Board. Fi kliem ieħor l-ewwel Onorabbli Qorti tidher li rriteniet illi, wara li l-appellat avża lill-appellanti illi hu ma riedx ikompli l-arranġament li kellu magħhom, huma kienu obbligati li jgħaddu lill-appellat il-parti ta' l-ordnijiet kollettivi tagħhom li kellha tiġi eżegwita fid-distretti tiegħu, u dan in bażi għall-klawżola 15(ii) fuq ċitata.

Iżda l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet, kif ġa ntqal, illi dik il-klawżola ma kienetx timponi fuq l-appellanti (kif, naturalment, ma kienetx timponi fuq l-appellat, fil-kuntratt tiegħu) **obbligu legali** li huma jaqsmu ma l-appellat l-eżekuzzjoni ta' l-ordnijiet kollettivi tagħhom. U tassew hekk hu, u dan dik il-klawżola kienet tgħidu espressament, fit-tieni parti tagħha, fejn kienet tgħid: "This is to be done with a spirit of reciprocity **and without any obligation whatever from one distributor towards the other**, irrespective of the size of such orders."

Għad illi dan ma jirriżultax ċar mill-provi, l-Qorti taħseb illi dak li ġara kien probabilment dan. L-idea oriġinali tal-Board kienet aktarx illi s-segregazzjoni tad-distretti bejn iż-żewġ distributuri tkun kompleta b'mod illi wieħed ma jkunx jista' jidħol fid-distretti ta' l-ieħor anqas għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet kollettivi: u aktarx illi, għal din ir-raġuni l-klawżola 15(ii), fl-abbozz oriġinali tal-kuntratt, kienet tieqaf fl-ewwel parti tagħha fejn kienet tgħid illi, għall-ordnijiet kollettivi, distributur kellu jgħaddi lid-distributur l-ieħor il-parti ta' dawk l-ordnijiet li tinvolvi distribuzzjoni f'lokalitajiet assenjati lil dan id-distributur l-ieħor.

Iżda, peress illi tant l-appellanti kemm l-appellat kienu, minn diversi snin qabel, kuntratturi tas-Services għall-fornitura ta' gas likwidu — l-appellanti għall-Air Force u n-Navy u l-appellat għall-Army — jidher li ġie realizzat illi l-arranġament kif propost mill-Gas Board ma kienx konvenjenti. Evidentement la l-appellanti u lanqas l-appellat ma riedu illi, dwar dawk l-ordnijiet tas-Servizzi, in ġenerali dwar l-ordnijiet kollettivi, huma jkunu **kostretti** li jgħaddu l-eżekuzzjoni ta' partijiet minnhom lil xulxin: riedu li dwar ordnijiet kollettivi jibqgħu liberi, kif allura kienu, li jistgħu jeżegwuhom huma stess, kienu f'liema distretti kienu il-persuni jew loka-

li fejn kellha ssir id-distribuzzjoni. Evidentement anqas għas-Services u, in ġenerali, għal kull min kien jagħmel ordni kollettiv, l-idea tal-Gas Board ma setgħet kienet wisq konvenjenti, peress illi kieku ġiet attwata huma flok kien ikollhom x'jaqsmu ma kuntrattur wieħed kienu jiġu kostretti li jkollhom rapporti maż-żewġ distributuri, inkellha li l-kuntrattur tagħhom ikun kostrett li jgħaddi jew jeżegwixxi parti mill-appalt, lil jew permezz ta' ħaddieħor — ħaġa li użwalment mhix permessa f'dawn ix-xorta ta' appalti. Biex dawn l-inkonvenjenti jiġu evitati ġiet miżjuda fil-klawżola 15(ii) it-tieni parti tagħha, **li neħħiet kwatunkwe obbligatorjeta mill-ewwel parti,** u, inveċe ħalliet f'idejn kull distributur li jimxi fuq dik l-ewwel parti jekk irid fuq bażi ta' reċiproċita mad-distributur jew distributuri l-oħra.

Bis-saħħa tal-kuntratt **li kellhom** mal-Board, mela. l-appellanti ma kienux **legalment obbligati** li **jgħaddu** parti **mill-ordnijiet kollettivi tagħhom lill-appellat;** Fil-fehma tal-Qorti dan hu 'quanto dire' illi — apparti għall-mument kull ftehim li **sar bejn il-partijiet bejniethom** — għall-eżekuzzjoni ta' ordinijiet kollettivi kull distributur kellu d-dritt li jiddistribwixxi fil-lokalitajiet kollha, anke f'dawk assenjati mill-Board lil distributur ieħor. Lil kull wieħed mid-distributuri li magħhom il-Gas Board għamel kuntratt, dik il-klawżola kienet qegħda tgħidlu: "normalment inti għandek tgħaddi l-parti ta' l-ordnijiet kollettivi li jkollok li timporta distribuzzjoni fid-distretti tad-distributur l-ieħor, lil dak d-distributur: però inti m'intix obbligat tagħmel dan u dak id-distributur l-ieħor ma jistax jġagħlek li tagħmlu: inti tista' tagħmlu jekk hu joffrilek reċiproċita cioe. sintendi, jekk hu wkoll għandu ordnijiet kollettivi u jgħaddi lilek il-partijiet ta' dawk l-ordnijiet li jinvolvu distribuzzjoni fid-distretti tiegħek: jekk inthom tagħmlu dan il-ftehim allura mbagħad toqgħodux tikkwistjonaw bejnietkom fuq differenzi bejn dak li tgħaddilu

int u dak li jgħaddilek hu: jekk pero inthom ma tagħmlux ftehim bħal dan, allura sintendi inti tista' teżigwixxi l-ordnijiet kollettivi tiegħek inti stess, huma liema huma il-lokalitajiet li fihom għandha ssir id-distribuzzjoni."

Kieku dik il-klawżola ma kienetx tfisser dan, l-alternativa kienet tkun — u, fil-fehma tal-Qorti, din ma setgħatx kienet l-intenzjoni tal-klawżola 15(ii) kif finalment formulata — illi jew distributur ikun kostrett li jaqsam l-ordnijiet kollettivi tiegħu ma distributur ieħor għad illi dan, talvolta, ma riedx jew ma satax joffri reċiproċita, inkellha li distributur ikollu jirrinunzja li jieħu jew, jekk jieħu, ma jkunx jista' jeżegwixxi ordnijiet kollettivi.

Issa fil-fatt, x'ġara? Ġa ntqal illi ż-żewġ partijiet kellhom interess fl-appalti tas-Servizzi. Huma, flok ma ftehim kif kontemplat fil-klawżola 15(ii), cioe li fuq bażi ta' reċiproċita jgħaddu lil xulxin il-partijiet ta' l-ordnijiet kollettivi tagħhom li da parti ta' kull wieħed minnhom kellhom jiġu eżegwiti fid-distretti ta' l-ieħor, ftehmu li jibqgħu sejrin kif kienu jagħmlu qabel ma saru l-kuntratti mal-Gas Board, cioe li jibqgħu jeżegwixxu l-ordnijiet kollettivi rispettivi tagħhom bħalli kieku ma saretx bejniethom fir-relazzjoni mal-Gas Board il-limitazzjoni tad-distretti. Fil-fehma tal-Qorti, il-ftehim li sar bejn il-kontendenti ma kienx jikkrea d-dritt ta' kull wieħed minnhom li jeżegwixxu l-ordnijiet kollettivi tiegħu fi kwalunkwe distrett: dak id-dritt kien ġa mpliċitu fil-klawżola 15(ii) in kwantu li biha ma ġiex impost, kif ġa ntqal, obbligu legali li huma jaqsmu dawk l-ordnijiet ma xulxin skond id-distretti: l-effett tal-ftehim bejn il-partijiet kien biss rikonoxximent reċiproku u attwazzjoni prattika ta' dak id-dritt.

Imma suppost, għall-grazzja ta' l-argument, illi l-ap-

pellat, bis-saħħa tal-klawżola 15(ii) kellu d-dritt legali li jeżiġi li l-appellanti jgħaddulu l-partijiet ta' l-ordnijiet kollettivi tagħhom li kienu jinvolvu distribuzzjoni fl-area tiegħu u li l-appellanti kellhom l-obbligu legali li jagħmlu hekk, hi fehma tal-Qorti li l-appellat, bil-ftehim li għamel ma l-appellanti — fis-sens li kull wieħed jista' jiddistribwixxi fid-distretti kollha għall-ordnijiet kollettivi — irrinunzja għal dak id-dritt. B'dak il-ftehim hu ċertament akkwista id-dritt **li l-appellanti ma jimpeduhx li jidħol fl-area tagħhom biex jeżegwixxi ordnijiet kollettivi tiegħu** — u dana l-appellanti ma ċaħduhulu qatt — imma hu rrinunzja għad-dritt (li għall-finijiet tad-diskussjoni l-Qorti qegħda tassumi li kellu) li hu stess jimpedixxi lill-appellanti li jidħlu fl-area tiegħu biex jeżegwixxu l-ordnijiet kollettivi tagħhom.

Dak il-ftehim bejn il-kontendenti ħadem għall-kważi tlett snin. L-appellat, pero, jippretendi u l-ewwel Onorabbli Qorti tidher li rriteniet, illi dik ir-rinunzja u dak il-ftehim kienu ritrabbli u revokabbli minnu a diskrezzjoni tiegħu sempliċement billi javża lill-appellanti li ma kienx bi ħsiebu ikomplihom: u jippretendi li dan għandu jitqes li ġara b'effett mill-ewwel ta' April, 1961 b'mod li, sa kemm spiċċaw il-kuntratti mal-Gas Board, l-appellanti kienu inibiti li jidħlu fl-area tiegħu u kienu obbligati li jgħaddu lilu l-partijiet ta' l-ordnijiet tagħhom tas-Services li kellhom jiġu eżegwiti f'dik l-area — u talli l-appellanti ma għamlux dan, hu jippretendi li għandhom jatuh bħala danni l-profitt li kien jagħmel kieku eżegwixxa hu dawk il-partijiet ta' l-ordnijiet — u dana kollu nonostanti li hu ma kienx fil-posizzjoni, — għax hekk għażel hu stess, — li joffri lill-appellanti ebda reċiproċita.

Din il-Qorti tħoss illi biżżejjed li l-pretensjoni ta' l-appellat tiġi formulata b'dan il-mod — u l-Qorti jidhrilha illi

din il-formulazzjoni tirrappreżenta bil-verita is-sostanza prattika ta' dik il-pretensjoni — biex tidher 'ictu oculi' l-infondatezza tagħha.

Kif ġustament irrilevaw l-appellanti m'hemm ebda ħjiel ta' prova fil-proċess — senjatament m'hemm ebda allegazzjoni f'dan is-sens fix-xhieda ta' l-appellat innifsu —, illi l-ftehim li sar bejn il-partijiet kif intqal hawn fuq kellu jkun "temporanew" kif suġġerit fiċ-ċitazzjoni, jew għal xi żmien speċifikat.

Fiż-żmien li sar il-ftehim l-appellanti, kif ġa ntqal, kellhom l-appalti ta' l-Air Force u n-Navy u l-appellat kellu l-appalt ta' l-Army. Imma m'hemm ebda ħjiel ta' prova fil-proċess u anqas ebda allegazzjoni f'dan is-sens fix-xhieda ta' l-appellat in-nifsu illi l-ftehim fuq imsemmi kien vinkolat jew limitat biss għal dawk l-appalti li allura "kienu korrenti," kif ukoll ġie aċċennat fiċ-ċitazzjoni. L-appellat innifsu meta xehed anqas biss allega illi l-ftehim ma l-appellanti kellu jgħodd biss għall-appalti li kienu korrenti dak iż-żmien. Dawk l-appalti kienu jiġġeddu kull sena, u, intant kif ġa ntqal. l-arranġament bejn il-partijiet baqa sejjer għall-kważi tlett snin bla ma qatt kien hemm bżonn li jsir ebda ftehim ġdid. Ċertament fiż-żmien li sar il-ftehim il-partijiet kellhom kull wieħed il-kuntratti tiegħu, iżda ma kien hemm xejn li jissuġġerixxu illi l-appalti mas-Services ma setgħux jiġu estiżi minn żmien għal ieħor jew ma setgħux jittieħdu offerti oħra. L-"impressjoni li ħa" l-Professur Xuereb tista' talvolta tfisser illi l-appellat, għalkemm dak iż-żmien kellu l-kuntratt ta' l-Army u kien kuntent bih, ma kienx qed jimpenja ruħu li l-quddiem ma' jieħux ordnijiet kollettivi oħra wkoll jew, per eżempju, ma jippruvax anki jieħu l-kuntratti ta' l-Air Force jew tan-Navy: imma ma tistax tfisser, fil-fehma tal-Qorti, illi l-appellat kien qiegħed iżomm u l-appellanti kienu

qegħdin jatuh id-dritt li meta jrid, għal raġunijiet tiegħu biss, ibiddel jew iħassar il-ftehim li kienu qed jagħmlu bejniethom. Jekk, fin-nuqqas ta' ftehim espress, wieħed għandu jassenja żmien għal dak il-ftehim, bażat fuq iċ-ċirkostanzi, wieħed għandu jippreżumi illi l-arranġament kellu jseħħ għal istess żmien li għalih kellhom iseħħu l-kuntratti mal-Board. L-appellat imkien ma mqar allega illi ġie b'xi mod miftihem illi dak l-arranġament sata jiġi revokat fid-diskrezzjoni ta' waħda mill-partijiet u hu nkonċipibbli li din setgħat kienet l-intenzjoni taċita komuni tal-partijiet. Il-Qorti għalhekk ma tistax tirritjeni illi l-appellat sata, minn rajh u unilateralment jirrevoka dak l-arranġament meta deherlu almenu bla raġuni ġusta skond il-liġi. Dak l-arranġament jew ftehim kien jikkostitwixxi kuntratt bilaterali bejn il-partijiet u kif jgħid l-art. 1035(2) tal-Kodiċi Ċivili: "contracts legally entered into . . . may only be revoked by mutual consent or on grounds allowed by law."

Issa x'kienet ir-raġuni li minħabba fiha l-appellat jippretendi li kellu d-dritt iħassar il-ftehim? Mhux xi nfrazzjoni tiegħu da parti ta' l-appellanti jew xi ħtija oħra tagħhom: ebda allegazzjoni f'dan is-sens ma saret mill-appellat. Ir-raġuni kienet sempliċement illi hu ma riedx iġedded l-appalt li kellu ma l-army jew li jitfa offerta għal dak l-appalt għas-sena mill-ewwel ta' April, 1961. Fix-xhieda tiegħu l-appellat qal illi hu ma riedx ikompli bil-kuntratt ma l-Army għaliex kienu qegħdin jittieħdulu ċ-ċilindri vojta mid-distretti tiegħu (u ta' dan ma nġiebet assolutament ebda prova kontra l-appellanti) u li l-Army kienu jridu ċilindri kbar. Imma l-vera raġuni, li l-appellat ma semmiex imma li tirriżulta minn provi oħra tidher li kienet li l-appellat ma riedx illi ssir distribuzzjoni fil-Ħdud u Festi — u dan rieduh ukoll l-appellanti — u li ppretenda li l-Army iżidulu mitejn lira (£200) extra fix-xahar. Hu jippretendi li jew l-appellanti

kellhom jiftehmu miegħu fuq dawn il-kondizzjonijiet ġodda li hu ried jimponi, nkella anqas huma ma kellhom jagħmlu offerta għall-kuntratt ta' l-Army u, niente di meno, anqas kellhom iġeddu l-appalt tagħhom ma' l-Air Force u n-Navy.

L-ewwel Onorabbli Qorti tidher li rriteniet din l-attitudini ta' l-appellat bħala raġuni biżżejjed biex tintitolah jiddistruġġi l-arranġament li kellu ma l-appellanti u kważi jidher illi anki dehrilha li kienu l-appellanti li naqsu mill-buona fede. Hi rraġunat illi huma kienu jafu li l-appellat kien qed isib diffikolta li jġedded il-kuntratt tiegħu ma l-Army u kienu ġew avżati li hu ma kienx sejjer jagħmel offerta. Kien interess tagħhom — qalet dik il-Qorti — li jippruvaw jaslu fi ftehim miegħu għaliex kienu jafu illi mingħajr il-kunsens tiegħu ma kienux jistgħu mpunement jeżegwixxu l-obbligi tagħhom, u jekk ma waslux fi ftehim ma l-appellat kellhom joqgħodu attenti u jagħmlu l-offerta tagħhom li tkun konformi ma l-obbligi li kellhom fil-kuntratt mal-Gas Board. Kompliet tgħid dik l-Onorabbli Qorti illi, apparti t-tender ta' l-Army, l-appellanti anqas setgħu jkomplu jinvadu l-area ta' l-appellat għall-kuntratti li kellhom man-Navy u l-Air Force, għaliex xorta waħda kien spiċċa l-presuppost li fuqu kienu waslu fil-ftehim ma l-appellat. Dana ma jfisserx — ikkonkludiet l-ewwel Qorti — illi l-appellanti kellhom jagħmlu xi kollusjoni ma l-appellat għad-dannu tas-Services: huma kellhom id-dritt kollu li jagħmlu offerti indipendenti minn dawk ta' l-appellat kienu x'kienu l-pretensjonijiet tiegħu: imma huma kienu marbuta mill-kuntratt li kellhom mal-Gas Board u ma setgħux mingħajr il-kunsens tiegħu jidħlu fl-area allokata lilu la darba kienu dbiddlu ċ-ċirkostanzi li taħthom kien sar dak il-ftehim.

Din il-Qorti tħoss ruħha fl-impossibilita li taqbel ma dan ir-raġonament.

Iż-żmien biex il-kuntratt li l-appellanti kellhom man-Navy u l-Air Force kien wasal, fil-kors normali tiegħu biex jiġġedded. Jirriżulta illi dan il-kuntratt kien ilu f'idejhom minn xi l-1956 u baqa jiġi mġedded lilhom bla ma' jintalbu offerti ġodda minn kuntratturi oħrajn. L-appellat qatt ma kien wera jew ma kellu ebda nteress f'dak il-kuntratt.

Il-kuntratt ta' l-Army ukoll kien wasal biex jiskadi u nħarġu offerti għal kuntratt ġdid. Għad li dan kien sa dak iż-żmien dejjem ġie meħud mill-appellat, l-appellanti wkoll kienu kull sena, jew kważi, jitfgħu offerta għalih mingħajr ma jirriżulta illi l-appellat qatt impedihom.

Ma kienux l-appellanti li riedu jbiddlu xi ħaġa li kienet tolqot il-ftehim li kien ilu snin jeżisti bejnhom u l-appellat. Kien l-appellat li ried ibiddel. Ma kienux l-appellanti li kellhom bżonn jottjenu xi kunsens ġdid mingħand l-appellat, imma kien obbligu ta' l-appellat li jkollu l-kunsens ta' l-appellanti biex il-ftehim eżistenti jitħassar jew jitbiddel. Kif ġa ntqal, din il-Qorti ma tħossx li għandu jkollha eżitazzjoni li tirritjeni illi r-raġunijiet imsemmija minnu u partkolarment, dik aktar vera riżultata, ma kienux jiġġustifikawh iħassar il-ftehim eżistenti. Kif hemm rilevat fil-petizzjoni ta' l-appell, l-appellanti kienu anzi, għal kollox ġustifikati li ma jaċċettawx il-proposta ta' l-appellat fis-sens li jeżiġu xi mitejn lira (£200) extra fix-xahar minn għand l-Army, jew in ġenerali, minn għand is-Services oltre l-prezz fissat mill-Board, oltre li ma jagħmlux distribuzzjoni fil-Ħdud u l-Festi. Huma spjegaw tant lill-appellat kemm lill-Avukat tiegħu, qabel ma għalaq iż-żmien biex tintefa l-offerta ta' l-Army, li ma setgħux jaċċettaw dik il-proposta li kienet kuntrarja għall-klawsola 13 tal-kuntratt mal-Gas Board u spjegawlhom il-perikolu li kien hemm jekk ma jagħmlux offerta. L-invit ta' l-appellat lill-appellanti li "jibqgħu jaħdmu, id f'id" u jib-

qgħu maqgħudin "fis-sens illi" jissottomettu kondizzjonijiet uniformi lis-Services" (kif ried l-appellat), kien ifisser li l-appellanti ma jagħmlux anqas huma offerta għall-kuntratt ta' l-Army b'kondizzjonijiet anqas oneruži minn dawk li l-appellat ried jeżiġi, ma kienx, fil-verita, ħlief invit għal kolluzjoni, anki kuntrarji għad-disposizzjoni ta' l-artikolu 352(t) tal-Kodiċi Kriminali.

Forsi ċ-ċirkostanza li l-appellanti ma żammewx l-appuntament li kienu għamlu ma l-appellat jew l-Avukat tiegħu biex jintaqgħu ħalli jiddiskutu bejniethom ma titfax fuqhom dawl attraenti; iżda huma kienu ġa spjegaw ir-raġuni tar-riluttanza tagħhom li jimponi lis-Services kondizzjonijiet li dehrilhom inġustifikati: u fi kwalunkwe każ dik iċ-ċirkostanza ma għandiex toskura l-vera posizzjoni legali.

Din il-Qorti ma jidhriliex li hu loġiku jew ġust illi, fil-waqt li jingħad, kif jingħad fis-sentenza appellata, illi l-appellanti kellhom id-dritt li ma jaċċettawx il-proposta kollusiva ta' l-appellati li jagħmlu offerti indipendenti, fl-istess ħin jingħad illi, talli huma ma qagħdux għal dik il-proposta, l-appellanti tilfu l-benefiċċju tal-ftehim li kien jeżisti bejnhom u l-appellat.

Jekk l-appellat għar-raġunijiet tiegħu ddeċieda li ma jagħmelx offerta għall-kuntratt ta' l-Army u b'hekk ipprivа lilu n-nifsu mill-vantaġġ prattiku tar-reċiproċita li hu kellu skond il-ftehim ma l-appellanti, din kienet, fiċ-ċirkostanzi, ħtija tiegħu u l-Qorti ma jidhriliex li mill-ħtija tiegħu l-appellat jista' leġittament jiġbed il-konsegwenza illi dak il-ftehim spiċċa għax "spiċċa l-presuppost tiegħu". Il-presuppost veru ta' dak il-ftehim baqa in kwantu l-appellanti ħallewlu dejjem id-dritt li jaċċetta ordnijiet kollettivi sew dak ta' l-Army kemm ukoll kull xorta ta' ordnijiet kollettivi oħra li

hu sata jottjeni u li hu baqa dejjem intitolat u liberu li jeżegwihom anki fl-area tagħhom.

*Inoltri, għar-raġunijiet li diġa ssemmew qabel*, din il-Qorti hi ta' fehma illi l-ewwel Onorabbli Qorti pproċediet fuq interpretazzjoni żbaljata ta' l-"obbligi" li l-appellanti kellhom skond il-kuntratt tagħhom mal-Gas Board. L-ewwelnett ġa ntqal illi l-ftehim li għamlu l-partijiet bejniethom li ma jimxux skond l-ewwel parti tal-klawżola 15(ii) (cioe *li ma jaqsmux l-ordnijiet kollettivi ta' kull wieħed) jidher li* sar bil-piena konoxxenza u approvazzjoni tal-Gas Board u m'hemm ebda prova illi l-Board xtaq jew approva jew imqar biss ġie pre-avviżat illi l-appellat ried ibiddlu. Ġa ntqal ukoll illi, bil-klawżola 15(ii) kif inserita fil-kuntratti mal-*Board*, *l-appellanti* ma kellhom ebda obbligu legali li jaqsmu l-ordnijiet kollettivi tagħhom ma l-appellat. Fil-fehma tal-Qorti dan baqa jgħodd anki wara li l-appellat suppost ippretenda li ħassar il-ftehim li kien għamel ma l-appellanti. Bis-saħħa tal-kuntratt tiegħu jew tal-kuntratt tagħhom mal-Gas Board hu ma setgħax jikkostringi lill-appellanti li jagħtuh parti mill-kuntratti kollettivi tagħhom *jew jimpedihom li* jesegwixxu dawk l-ordnijiet anki fl-area tiegħu. B'dawk il-kuntratti hu sata biss jasal fi ftehim magħhom biex jaqsmu miegħu l-ordnijiet kollettivi tagħhom billi joffrilhom li hu jaqsam tiegħu magħhom: jekk hu ma kellux ordnijiet tiegħu x'jaqsam magħhom, bħala reċiproċita, evidentement huma ma kellhom ebda obbligu, bil-kuntratt tagħhom mal-Gas Board li jgħaddu lilu parti mill-ordnijiet kollettivi tagħhom.

In vista ta' dawn il-konklużżjonijiet din il-Qorti ma jidhriliex li hemm bżonn li tiġi deċiża l-kwistjoni l-oħra, ukoll sollevata 'in subordine' mill-appellanti fis-sens illi, fi kwalunkwe każ, id-disdetta tal-ftehim da parti ta' l-appellat saret biss bl-ittra tiegħu tat-tnejn u għoxrin ta' Marzu, 1961, reċe-

vuta minnhom fit-3.15 p.m. tat-tlieta u għoxrin ta' Marzu u għalhekk ma setgħatx tapplika għall-kuntratti tan-Navy u ta' l-Air Force li, dak il-ħin, kienu ġa ġew imġedda, fil-kors normali tagħhom, u għall-offerta ta' l-Army li kienet ġa ntbagħtet u ma setgħatx tiġi rtirata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet ta' l-appellat devoluti lilha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.